## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2010 — KUKA Roboter vs UASI (Grad tal-lewn oranġjo)

**(Kawża T-97/08)** (1)

***("Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja li tikkonsisti fi grad tal lewn oranġjo — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 7(1)(b) tar Regolament (KE) Nru 207/2009)")***

(2010/C 301/41)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* KUKA Roboter GmbH (Augsbourg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Kohn u B. Hannemann, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: R. Pethke, aġent)

### Suġġett

Rikors kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u disinni), tal-14 ta' Diċembru 2007 (Każ R 1572/2007-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala trade mark Komunitarja ta' grad tal-lewn oranġjo.

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *KUKA Roboter GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 107, 26.04.2008.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2010 — Schniga vs CPVO — Elaris u Brookfield New Zealand (Gala Schnitzer)

**(Kawża T-135/08)** (1)

***("Varjetajiet ta' pjanti — Applikazzjoni għal drittijiet Komunitarji fir-rigward tal-varjetà ta' tuffieħa Gala Schnitzer — Eżami tekniku — Setgħa diskrezzjonali tas-CPVO — Oġġezzjonijiet — Artikolu 55(4) tar-Regolament (KE) Nru 2100/94")***

(2010/C 301/42)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Schniga GmbH (Bolzano, l-Italja) (rappreżentanti: G. Würtenberger, u R. Kunze, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju Komunitarju ta' Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) (rappreżentanti: B. Kiewiet u M. Ekvad, aġenti)

*Partijiet oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tas-CPVO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Elaris SNC (Angers, Franza); Brookfield New Zealand Ltd (Havelock North, New Zealand) (rappreżentant: M. Eller, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tas-CPVO tal-21 ta' Novembru 2007 (Każijiet A 003/2007 u A 004/2007), li tirrigwarda l-għoti ta' dritt Komunitarju ta' varjetajiet ta' pjanti għall-varjetà ta' pjanta Gala Schnitzer.

### Dispożittiv

(1) *Id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju Komunitarju ta' Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO) tal-21 ta' Novembru 2007 (Każijiet A 003/2007 u A 004/2007) hija annullata.*

(2) *Is-CPVO huwa kkundannat għall-ispejjeż tiegħu kif ukoll għal dawk sostnuti minn Schniga GmbH.*

(3) *Elaris SNC u Brookfield New Zealand Ltd huma kkundanati għall-ispejjeż tagħhom.*

(1) ĠU C 142, 7.6.2008.

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2010 — Abbott Laboratories vs UASI — aRigen (Sorvir)

**(Kawża T-149/08)** (1)

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali Sorvir — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti NORVIR — Raġuni assoluta għal rifjut — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)")***

(2010/C 301/43)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Abbott Laboratories (Abbott Park, Illinois, l-Istati Uniti) (rappreżentant: S. Schäffler, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: J. Crespo Carrillo u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* aRigen, Inc. (Tokyo, il-Ġappun)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI, tas-6 ta' Frar 2008 (Każ R 809/2007-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Abbott Laboratories u aRigen, Inc.

**Dispożittiv**

(1) *Id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI), tas-6 ta' Frar 2008 (Każ R 809/2007-2), hija annullata.*

(2) *L-UASI għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti minn Abbott Laboratories.*

(1) ĠU C 142, 07.06.2008.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 13 ta' Settembru 2010 — Inditex vs UASI — Marín Díaz de Cerio (OFTEN)**

**(Kawża T-292/08)** (1)

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali OFTEN — Trade mark nazzjonali preċedenti OLTEN — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Xebh bejn is-sinjali — Xebh bejn il-prodotti — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009) — Prova tal-użu ġenwin mit-trade mark preċedenti — Artikolu 43(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009) — Suġġett tal-kawża quddiem il-Bord tal-Appell — Artikoli-61 u 62 tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li saru l-Artikoli 63 u 64 tar-Regolament (KE) Nru 207/2009)")***

(2010/C 301/44)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Industria de Diseño Textil (Inditex), SA (Arteixo, Spanja) (rappreżentanti: E. Armijo Chávarri u A. Castán Pérez-Gómez, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: O. Mondéjar Ortuño, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Roberto Fernando Marín Díaz de Cerio (Logroño, Spanja)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-24 ta' April 2008 (Każ R 484/2007-2), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Roberto Fernando Marín Díaz de Cerio u Industria de Diseño Textil (Inditex), SA.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Industria de Diseño Textil (Inditex), SA hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(1) ĠU C 236, 13.9.2008.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-13 ta' Settembru 2010 — Enercon vs UASI — BP (ENERCON)**

**(Kawża T-400/08)** (1)

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali ENERCON — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti ENERGOL — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar l-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009) — Reġistrazzjoni rrifjutata parzjalment")***

(2010/C 301/45)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Enercon GmbH (Aurich, il-Ġermanja) (rappreżentant: R. Böhm, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: D. Botis, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI:* BP plc (Londra, ir-Renju Unit)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tal-14 ta' Lulju 2008, (Każ R 957/2006-4), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn BP plc u Enercon GmbH.